**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 474/2019**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Eman Hayman)**

**-Vs-**

**Kenneth Cassar**

**Illum, 5 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **KENNETH CASSAR** ta' 38 sena, bin John u Josephine nee' Bugeja imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Ottubru 1980, residenti gewwa 41, Triq is-Sur, Isla u detentur tal-karta ta' l-identita` 470480M tressaq quddiemha akkuzat talli_fid-29 ta' Lulju, 2019 u fix-xhur ta' qabel gewwa Marsaskala u f'inhawi ohra madwar dawn il-gzejjer;

1. Ikkaguna lill *Anita Magro ID 94984M* biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

2. Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil *Anita Magro;*

3. Kiser ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 4l2C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fil-konfront ta' *Anita Magro* imposta fuqu mill Mgt. Dr. Astrid May Grima LL.D. nhar l-27 ta' Dicembru 2018 u dan sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija persuna;

U talli nhar l-24/07/2019 fil-hinijiet ta' bejn 5PM u 6PM gewwa Marsaskala

4. Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' omm 't-tfal tieghu, *Anita Magro*, skond kif iccertifikat minn Dr. Rose Spiteri M.D. (Med Reg 2535) tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

u aktar talli

5. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati mill Mgt. Dr. Astrid May Grima LL.D. nhar l-27 ta' Dicembru 2018 meta inghata 'l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal €18,000;

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi *Kenneth Cassar* u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li s-somma ta' 18,000 ewro jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' *Anita Magro* jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil *Kenneth Cassar* b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi

iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq,

F'kaz ta htija l-Qorti giet mitluba wkoll titrata lil *Kenneth Cassar* bhala persuna recediva meta gie is-sentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdulha.

Rat illi waqt l-ezami l-imputat wiegeb li mhux hati ;

Rat illi l-kunsens moghti mill-Avukat Generali ghall-finijiet tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u rat ukoll illi dan il-kunsens gie sussegwentement irtirat mill-istess Avukat Generali u d-dokument relattiv imnehhi mill-atti[1];

Rat illi l-imputat waqt l-ezami, filwaqt li ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja, wiegeb li mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Rat il-provi kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali mibghuta ghall-fini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 li permezz taghha huwa indika li tista' tinstab htija taht:-

- Fl-Artikoli 251B u 251H(a)(d)(f)(i) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251A b'referenza għall-Artikolu 222(1) u 251H(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Dok. EH1, fol. 7 – imnehhi bid-digriet tat-3 ta' Dicembru 2019.

- Fl-Artikolu 412C(11) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 221(1) u 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17,31,49,50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 383,384,385,386,387 u 412C tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 2021 ;

Rat illi l-kawza kienet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan huwa kaz ta' vjolenza domestika kif definita fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika u r-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet jikkoncernaw sensiela ta' allegat fastidju u diversi incidenti li gew rapportati lill-Pulizija minn Anita Magro matul il-perijodu bejn Mejju 2019 u Lulju 2019[2]. Huwa stabbilit li l-imputat kellu relazzjoni matul iz-zmien mal-imsemmija Anita Magro, liema relazzjoni ntemmet lejn l-ahhar tas-sena 2018 u flimkien kellhom dak iz-zmien, erba' ulied, tlieta minnhom li kienu jghixu ma' ommhom u l-kbir Rowan li kien jghix ma' missieru l-imputat[3]. Mill-atti jirrizulta ukoll li fis-27 ta' Dicembru 2018 l-imputat gie mehlus mill-arrest taht garanzija u fost kundizzjonijiet ohrajn imposti fuqu, kien marbut li jirrisjedi fil-fond 41, Triq is-Sur, l-Isla mal-genituri tieghu kif ukoll illi jirrinkaza ruhu

[2] Ghalkemm fl-atti gie esebit PIRS report datat 27 ta' Ottubru 2018 – fol. 29 *et seq*. Dok. EH8 - hu evidenti li l-incident rapportat fl-imsemmija data ma jirrientrax fil-parametri temporali indikati fic-Citazzjoni tal-kommissjoni tar-reati addebitati lill-imputat.
[3] Ara estratti mill-atti tat-twelid Dok. Eh18 sa EH21 ta' ulied l-imputat u ta' Anita Magro, ilkoll minorreni hlief ghal Rowan Cassar Magro.

bejn it-8.00 p.m. u l-5.30 a.m.[4]. Fl-istess data, cioe` 27 ta' Dicembru 2018 gie ukoll mahrug fil-konfront tal-imputat Ordni ta' Protezzjoni li bis-sahha tieghu gie projibit milli jikkuntattja, javvicina u jsegwi il-movimenti ta' Anita Magro u uliedha kif ukoll milli jikseb access ghall-fond fejn tirrisjedi, tahdem jew tiffrekwenta l-istess Anita Magro u uliedha, anke jekk huwa jkollu interess legali f'dak il-fond, ghal perijodu ta' sentejn. Mill-provi jirrizulta illi d-digriet li bih l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest kif ukoll l-Ordni ta' Protezzjoni li entrambi nghataw fis-27 ta' Dicembru 2018, kienu ghadhom fis-sehh meta sehhew l-incidenti li xehdet dwarhom Anita Magro quddiem il-Qorti.

Anita Magro xehdet illi madwar xaharejn wara li l-imputat inghata l-helsien mill-arrest beda l-ewwel icempel lit-tfal u mbaghad isaqsihom biex ikellimha u ftit ftit beda jikkuntattjaha minhabba kwistjonijiet koncernanti t-tifel taghhom. Ix-xhud stqarret li hi ma riditx tirranga r-relazzjoni mal-imputat ghaliex huwa kien isawwatha u kienet ghaddiet minn hafna problemi, izda l-imputat baqa' jigri warajha u jghidilha li hemm ragel iehor u jekk ma tirrangax mieghu, ha jispicca jerga' jsawwatha[5]. Qalet ukoll illi l-imputat kien jigi jiltaqa' maghha mhux biss Marsascala, il-lokalita` fejn tirrisjedi, izda kullimkien u spjegat kif f'okkazjoni minnhom, huwa segwiha ghall-pompa tal-petrol minn Birzebbuga. Hija xehdet li l-Hadd 19 ta' Mejju 2019 fil-ghaxija l-imputat segwiha meta kienet San Tumas bit-tfal ghaliex kien qalilha hu stess li raha hemmhekk u mbaghad meta wara ftit tal-hin marret bil-karozza fil-pompa tal-petrol, tara lill-imputat niezel u daqqilha l-horn. Wara ftit tal-hin, l-imputat cemplilha u qalilha biex ma tghaggilx: "*biex ma mmurx l-Ghassa u naghmillu rapport iehor.*"

Qalet li dak il-hin marret l-Ghassa tal-Pulizija tal-Bormla biex tirrapporta li l-imputat kien qed isegwiha u li ftit xhur wara li kien inghata l-helsien mill-arrest kien gie ukoll jghix f'appartament vicin taghha gewwa Marsascala.

---

[4] Dawn iz-zewg kundizzjonijiet partikolari kienu stabbiliti permezz ta' digriet sussegwenti moghti fuq rikors tal-imputat ghall-varjazzjoni tad-digriet originali, fil-11 ta' Frar 2019.

[5] Fol. 73.

Xehdet ukoll dwar incident li sehh fit-3 ta' Mejju 2019 meta l-imputat ma riedx ihalliha bi kwietha tant li cemplilha u talabha thenn ghalih billi tmur tixtrilu xi medicina li hija taf li kien igibha b'xejn minghand il-psikjatra. Spjegat li hi baqghet tirrifjuta li tmur tixtrilu l-medicina ghaliex mhux l-ewwel darba li meta jkun qieghed hazin, l-imputat jaqbad jibla' l-pinnoli kollha li jsib u jispicca b'overdose. Meta kienet sejra d-dar dakinhar l-imputat tela' fil-karozza taghha "*b'heffa fuqu, telaq il-vann tax-xoghol tieghu miftuh ... jghajjat mieghi, irid jerga' jsawwatni gol-karozza. Heqq jien bir-roghda fuqi. Imn'alla dak il-hin inqala' trakk minn quddiemi, ridt insuqlu lura ghax waqqaft lil dak it-trakk u bqajt nghajjat, forsi dan jinduna x'inhu jigri u jcempel ghal Pulizija.*"[6]

Anita Magro fix-xhieda taghha spjegat ukoll illi kull darba li ma twegibx it-telefonati tal-imputat, kien jinzel wara l-bieb taghha, jifqaghlha l-bieb ta' barra b'hafna ghajjat u storbju u kien iwerwer lit-tfal u li dan gara « *kemm il-darba* ». Hi xehdet hekk :-

« *U meta nghidlu lili jekk joghgbok hallini kwieta u tkellimnix iktar kompli hajtek u hallini nkompli hajti bil-kwiet mat-tfal, ghalxejn, nerga' narah. Ikun qed jistenna fil-gallarija ... jibda jghajjat kemm jiflah ... An ... An ... An ... An ... dak li jkun lanqas haqq il-misthija tan-nies, kulhadd ihares. ... "mhux l-ewwel darba li dahhaltu biex jiehu kafe' u nghidlu biex jitlaqli 'l barra ghax ha jibqaghli wara l-bieb.* »[7]

Hija nnegat illi regghet dahlet f'relazzjoni mal-imputat u insistiet li ma riditx terga' tibda r-relazzjoni mieghu u spjegat: "*Jien li kien hemm sforz ta' biza' u rabja li kien qed ikollu hu ghal fuqi. Ghax jekk jien nirrifjuta li ha nkompli r-relazzjoni mieghu, hu ha jerga' lili. Dawn l-affarijiet ma jistax ikun.*"

Ix-xhud spjegat ukoll illi l-imputat kien ta' sikwit jaqbadha u jkaxkarha ghal gol-appartament tieghu "*trid jew ma tridx. Jekk inti ha tirrifjuta hu ha jsawtek.*" Tattribwixxi dan l-agir tieghu ghall-fatt li l-imputat jabbuza mid-droga u kull darba li

[6] Fol. 82.
[7] Fol. 77.

jkun qieghed hazin, ikun irid il-flus biex jigi tajjeb u l-hin kollu jsellef il-flus u jghidilha biex tmur tigborlu l-flus minghand missierha jew minghand it-tifel.

Dwar l-incident li sehh fl-24 ta' Lulju 2019 fl-4.00 p.m. Anita Magro xehdet li hija kienet fl-appartament tal-imputat meta hu dahal bir-rabja u beda jghajjat ghaliex ried il-flus minghandha "*ta' bil-fors*". Hi wegbitu li ma ghandhiex minn fejn taghtih il-flus u wara ftit tal-hin qaltlu li ahjar ihassru r-relazzjoni. Hu rrejagixxa billi ghajjarha, qabdilha wiccha minnn quddiem u xagharha, ghafsilha rasha b'kollox mal-hajt u tefa s-sigarett go wiccha ma' imnehirha quddiem it-tfal filwaqt li qalilha "'*nahxilek wiccek ... anzi ma hxejtlekx wiccek, imniehrek biss' ... jien fuq hekk kelli ma mmurx erbat ijiem ghax-xoghol ... erbat ijiem kelli nfalli sakemm tghaddili. ... Jien quddiem l-Imghallem u n-nies tax-xoghol tieghu m'iniex se mmur b'dak il-mod*"[8]. Ix-xhud qalet ukoll li kieku ma dawritx wiccha harira is-sigarett kien jigi f'ghajnejha. Spjegat li marret tirrapporta dan l-incident biss fid-29 ta' Lulju 2019 wara li kkonvincietha biex taghmel dan is-*social worker* taghha.

Kompliet tispjega illi dakinhar tad-29 ta' Lulju 2019 l-imputat qam fl-4.30 a.m. u beda jghajjat li jrid il-flus biex imur ghax-xoghol u qalilha wkoll biex twasslu ghax-xoghol bil-karozza taghha. Anita Magro spjegat li hi ma kellhiex flus u lanqas petrol fil-karozza u rrifjutat li twasslu bil-konsegwenza li l-imputat baqa' jghajjat u jsabbat tant li telghet il-gara li toqghod tahthom minhabba l-istorbju li kien qed jaghmel. Qalet ukoll li lill-imputat qaltlu li kienet sejra tara jekk missierha setax jghinu bil-flus u qalilha li jrid jigi maghha ghand missierha, izda hi ma riditx. Dak il-hin, qabdet lil wahda mit-tfal u telqet 'il barra u marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

Sussegwentement, meta regghet xehdet in kontro-ezami fit-8 ta' Lulju 2020, Anita Magro kkonfermat li r-relazzjoni taghha mal-imputat kienet mhux hazin u kienu qeghdin jiltaqghu ghalkemm ma kienux qeghdin jghixu flimkien. Ikkonfermat izda, dak kollu li xehdet fid-depozizzjoni precedenti taghha f'din il-kawza.

---

[8] Ix-xhud esebiet zewg certifikati medici – Dok. AM2 u AM3. Ara wkoll fol. 91.

Ir-rapporti li saru minn Anita Magro u li xehdet dwarhom, gew ilkoll ikkonfermati mil-ufficjali tal-Pulizija li hadu dawn ir-rapporti u li hadu azzjoni dwarhom.

Xehdet ukoll Dr. Rosette Spiteri li kkonfermat li hija kienet ezaminat lil Anita Magro fic-Centru tas-Sahha tal-Bormla u rat li kellha selha zghira fuq in-naha tax-xellug ta' mnehirha li Anita Magro qaltilha li giet ikkawzata minn sigarett jaqbad li ntefa ma' wiccha waqt incident li kien sehh hamest ijiem qabel fl-24 ta' Lulju, skont kif deksritt fic-certifikat mediku mahrug mix-xhud[9].

Ikkunsidrat ;

L-imputat jinsab mixli bir-reati taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 u bir-reat taht l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 u dan permezz tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, rispettivament.

L-Artikolu 251A jipprovdi, fil-parti relevanti tieghu, li persuna tkun hatja tar-reat ta' fastidju jekk:-

"*(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew*
*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; ...*"
*(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.*"

Imbaghad, l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 jipprovdi li:-

*(1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-*

---
[9] Dok. EH11 – fol. 37.

*Artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni."*

Dwar l-element kostituttiv tar-reati kemm taht l-Artikolu 251A kif ukoll taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, huwa pacifiku fl-insenjament gurisprudenzjali in materja illi jehtieg li jintwera li "*l-imgieba*" tal-agent tar-reat tammonta ghal *a course of conduct.* Dan hu dezumibbli mill-uzu specifiku tal-kelma "*imgieba*" fiz-zewg dispozizzjonijiet legali kif ukoll, kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 251B mill-kliem tal-ligi: "… *lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażzjonijiet*". Barra minn hekk, kwantu ghar-reat ta' fastidju taht l-Artikolu 251A, jinghad li l-element tal-kondotta ripetuta huwa inerenti fit-tifsira nnifisha tal-kelma fastidju. In propositu, intqal hekk f'**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.):-

"*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '**it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct**' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be properly particularised in the information laid or the indictment (C v CPS [2008] EWHC 148 (Admin)) and must be **so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct** (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580).*"[10]

[10] Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. - B2.140 p.285. Emfasi tal-Qorti.

Fir-rigward ta' dawn iz-zewg reati partikolari, issir ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada**[11] fejn gie ritenut:-

"*Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassment kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs James Demanuele*** *deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"... Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "****Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose****", dan l-element ta'* ***ripetizzjoni jew persistenza*** *ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "****Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez****" [21.6.07] :-*

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista'* ***tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien****." Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha." Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ("alarming the person or causing the person distress"*

[11] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciz 2.05.2013.

*fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi.*"[12]

Il-Qorti sejra tapplika dan l-insenjament ghall-fatti tal-kaz in dizamina kif johorgu mill-provi, biex tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok, giex ippruvat imgieba da parti tal-imputat li jsarraf f'fastidju kif prospettat fl-Artikolu 251A tal-Kap. 9.

Mix-xhieda ta' Anita Magro, il-Qorti ftit ghandha dubju li fl-agir tal-imputat fil-konfront taghha – certament matul il-perijodu bejn Mejju u Lulju 2021 – hija manifesta dik l-imgieba li hija mahsuba mil-ligi li tikkostitwixxi fastidju. Dan ghaliex kif jirrizulta mix-xhieda taghha, l-imputat kien jagixxi b'mod persistenti u vessatorju bil-ghan evidenti li jaghmel pressjoni ingusta fuq l-istess Anita Magro halli taccetta tirrikoncilja r-relazzjoni bejniethom u terga' tmur tghix flimkien mieghu. Il-Qorti fehmet illi l-episodji li gew imfissrin fit-testimonjanza ta' Anita Magro m'humiex incidenti izolati jew accidentali izda manifestazzjonijiet partikolari ta' agir li huwa abitwali u kontinwu mifrux fuq perijodu ta' diversi xhur u li lahaq il-qofol tieghu f'Lulju 2019 meta, bis-sahha tar-rapport li sar fid-29 ta' Lulju 2019, gew istitwiti dawn il-proceduri fil-konfront tal-imputat. Matul dan il-perijodu jirrizulta li l-imputat mhux biss kien qed jikkuntattja u jsegwih lill-vittma izda wkoll jheddidha u jagixxi b'mod aggressiv fil-konfront taghha. Huwa daqstant manifest li l-agir tal-imputat mhux biss kien qed idejjaq lil Anita Magro – li xehdet enfatikament illi hi kienet tghidlu car u tond li trid li jhalliha bil-kwiet u tghix hajjitha fil-liberta' - izda kien ibezzaghha. Dan qed jinghad ghaliex mill-provi jirrizulta li hemm retroxxena fuq diversi snin ta' theddid u molestja kif ukoll vjolenza

[12] Emfasi tal-Qorti.

fil-konfront ta' Anita Magro u l-Qorti fehmet li huwa proprju minhabba f'hekk li hi kienet tispicca kull darba tissokkombi ghall-pressjoni li l-imputat kien jaghmel fuqha b'mod kontinwu u persistenti, sija jekk biex tiltaqa' mieghu, twiegeb it-telefonati tieghu, taghtih il-flus ghad-droga, tirranga r-relazzjoni u terga' tghix mieghu. Kemm hu hekk, fl-erba' episodji partikolari li ddeskriviet fix-xhieda taghha hu minnufih evidenti s-sensazzjoni ta' dwejjaq u allarm li l-agir tal-imputat ikkaguna fil-vittma u ghall-Qorti, dan hu proprju l-imgieba li l-lesgislatur irid jipprojbixxi fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 251A tal-Kap. 9.

Skont il-Blackstone[13]:-

*"'Harassment' is generally understood to involve improper oppressive and unreasonable conduct that is targeted at an individual and calculated to produce the consequences described in s. 7. By s. 1(3) of the Act (see B2.143), reasonable and/or lawful courses of conduct may be excluded. The practice of stalking is arguably the prime example of harassment (Curtis [2010] 1 Cr App R (S) 193) but a wide range of other actions could, if persisted in, be so categorised. A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment;* ***it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30].* ***Harassment includes negative emotion by repeated molestation, annoyance or worry. The words 'alarm and distress' are to be taken disjunctively and not conjunctively, but there is a minimum level of alarm or distress which must be suffered in order to constitute harassment.***

*However, 'whatever may have been the purpose behind [the Act], its words are clear, and it can cover harassment of any sort'".* [emfasi tal-Qorti]

[13] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed, B.2.140, p. 285.

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Falzon**[14], il-Qorti tal-Appell Kriminali fissret illi:-

"*... hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. ... Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.*"

Ikkunsidrat;

Ghalkemm soggettivament l-agir tal-imputat seta' kien xprunat minn akkumulazzjoni ta' frustrazzjoni, rabja u dwejjaq meta rinfaccjat bid-determinazzjoni tal-vittma li ttemm ir-relazzjoni u tevita l-kuntatt mieghu, kif ukoll nuqqas ta' kontroll tal-emozzjonijiet u effetti ohrajn psikologici tad-dipendenza sistematika tieghu mid-droga, jibqa' l-fatt li mil-lat oggettiv, l-agir tieghu kien wiehed oppressiv li inevitabbilment wassal biex jaghmel pressjoni ingusta fuq Anita Magro, *multo magis* meta din il-pressjoni kienet akkumpanjata minn ghajjat, tisbit, tghajjir u theddid - inkluz theddid li l-imputat jikkommetti suwicidju - u agir aggressiv iehor. F'kull kaz, din kienet imgieba li l-imputat kien jaf jew kellu ragjonevolment ikun jaf li jkun ta' fastidju ghal omm uliedu.

Ghandu jinghad ukoll illi l-fatt li mill-provi jirrizulta li Anita Magro setghet kienet twassal lill-imputat lill-Ghassa tal-Pulizija meta kien jigi msejjah fuq xi rapport li tkun ghamlet kontrih, jew lill-Qorti ghall-fini ta' xi smigh f'kawza istitwita fuq xi rapport bhal dak, jew lura d-dar, ma jnaqqas assolutament xejn mill-fehma tal-Qorti dwar l-imgieba vessatorja u illegali tal-imputat. Hu ovvju ghall-Qorti illi Anita Magro kienet kontrollata u mbezzgha mill-imputat u l-kuntatt li kellha mieghu minkejja l-Ordni ta' Protezzjoni mahruga fil-konfront tieghu - inkluz il-fatt li ghal ftit taz-zmien kienet marret toqghod mieghu fl-appartament tieghu - essenzjalment **manifestazzjoni tal-**

[14] Deciza fit-28 ta' Novembru 2018.

**effetti tal-imgieba oppressiva u kontrollanti tieghu u mhux l-effett ta' xi ghazla libera u volontarja ta' Anita Magro**.

Ghall-Qorti hu ovvju li l-episodji li xehdet dwarhom dawn m'humiex incidenti izolati jew accidentali: dawn sehhew ripetutament matul diversi xhur u huma konnessi kemm fix-xorta taghhom – l-agir kontrollanti tal-imputat fuq il-vittma - kif ukoll fil-kuntest li sehhew, cioe` fl-isfond tad-dizgwid bejn il-partijiet dwar ir-relazzjoni taghhom, it-tentattivi tal-vittma li taqta' l-kuntatt mal-imputat u l-vizzju tieghu tal-abbuz mid-droga. Mill-provi jirrizulta li din il-kondotta abbuziva tal-imputat fil-konfront ta' Anita Magro m'hijiex wahda li nibtet matul il-perijodu ta' zmien indikat fl-akkuzi f'din il-kawza, izda ilha tippersisti fuq diversi snin hekk kif ikomplu jixhdu z-zewg sentenzi esebiti fl-atti fejn fil-11 ta' Lulju 2017 u fit-13 ta' Novembru 2017, rispettivament, l-imputat gie kkundannat li hedded lil Anita Magro u li ghamel hsara volontarja lill-proprjeta` taghha.

Ghalkemm ghandu jinghad li tassew mhux kull xorta ta' komportament illecitu jsarraf f'fastidju, fil-kaz in dizamina l-Qorti hi pjenament sodisfatta li l-kondotta tal-imputat matul il-parametri termporali tal-akkuzi kif deskritt fix-xhieda ta' Anita Magro, kienet wahda vessatorja kkalkolata specifikatament biex timmolestja lil omm uliedu minhabba, inizzjalment ir-rifjut taghha li tirranga r-relazzjoni ta' bejniethom u tikkomunika mieghu u li taghtih il-flus ghad-droga u sussegwentement ukoll ix-xewqa taghha li thassar definittivament ir-relazzjoni bejniethom. Dan kollu qed jinghad **minghajr qies** tal-episodju li sehh fl-24 ta' Lulju 2019 fejn l-imputat irrejagixxa ghall-proposta ta' Anita Magro li thassar ir-relazzjoni billi qabadha minn wiccha, sabbatha mal-hajt u tefa sigarett imqabbad fuq imnehirha.

Maghdud dan kollu, hija pjenament gustifikata l-konkluzjoni li l-agir tal-imputat kif jirrizulta mill-provi f'din il-kawza, kien wiehed abitwali, ripetut u intenzjonat sabiex iddejjaq u timmolestja lil Anita Magro u li l-episodji li xehdet dwarhom u li jaqghu fil-parametri ta' zmien tal-akkuzi, indubbjament jammontaw ghall-kondotta mahsuba fl-Artikolu 251A tal-Kap. 9 kif ukoll ghal imgieba li taghti u effettivament tat, fastidju lil Anita Magro.

Il-Qorti diga' ghamlet referenza ghas-sentenzi esebiti fl-atti fejn fil-11 ta' Lulju 2017 u fit-13 ta' Novembru 2017, rispettivament, l-imputat gie kkundannat li hedded lil Anita Magro u li ghamel hsara volontarja lill-proprjeta` taghha. Hawnhekk ghandha tosserva illi peress li dawn ir-reati appena msemmija li nstab hati taghhom l-imputat, huma fin-natura taghhom simili ghar-reati ta' fastidju u biza' ta' vjolenza, u billi mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta wkoll li huwa diga` nstab hati li ta fastidju lil Anita Magro u kkagunalha wkoll biza' ta' vjolenza, permezz ta' zewg sentenzi moghtija fit-23 ta' Jannar 2008 u fl-24 ta' Novembru 2011, ghandu jsib riskontru wkoll hawnhekk l-aggravju prospettat mis-subinciz (i) tal-Artikolu 251H tal-Kap. 9. Dan b'zieda wkoll tal-aggravju naxxenti mill-fatt illi Anita Magro kienet is-siehba ta' qabel tal-imputat, a tenur tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 251H. Huwa minnu li f'uhud mill-episodji li jikkostitwixxu l-imgieba li kien ta' fastidju ghal Anita Magro, hija xehdet li kienet mat-tfal izda l-Qorti m'hijiex sufficjentement konvinta fil-grad mehtieg fil-kamp kriminali li iktar minn episodju wiehed sehh jew sehh kollu kemm hu fil-presenza tat-tfal minuri, anke ghaliex il-vittma ma specifikatx min mit-tfal kienu prezenti waqt l-episodji li tawha fastidju. Hija tqis illi peress li d-delitt prospettat mill-Artikolu 251H huwa dak ta' fastidju fejn jehtieg kondotta ripetuta biex issawwar ir-reat, l-applikazzjoni tal-aggravju jehtieg ukoll li dik l-imgieba ripetuta li kien ta' fastidju ssehh fil-presenza tat-tfal u m'huwiex bizzejjed li episodju wahdieni jsehh fil-presenza ta' tfal minuri. Ghalhekk m'hijiex sejra tapplika l-aggravju fil-piena kif prospettat fis-subinciz (d) tal-istess Artikolu 251H.

Ghandu jigi osservat ukoll li l-imputat ma ressaq l-ebda provi f'dawn il-proceduri, hlief ghax-xhieda ta' Anita Magro in kontro-ezami. Anke minn dak minnu mistqarr waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija, ma jirrizultax illi l-imputat kien agixxa ghal xi wiehed mill-iskopijiet indikati fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 251A cioe` li l-imġieba tieghu kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli. Ghall-kuntrarju, il-verzjoni ta' Anita Magro baqghet ma gietx

kuntrastata b'mod effettiv u ma tressqu l-ebda provi biex jikkontradixxu dak li jirrizulta ppruvat mix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant, billi gew ippruvati l-elementi kollha tar-reat ta' fastidju u l-imputat f'kull kaz messu kien jaf li l-kondotta tieghu fl-okkazjonijiet imsemmija fix-xhieda ta' Anita Magro kif minnha rapportati lill-Pulizija, ikkagunat dwejjaq u allarm lil omm uliedu, l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni, bl-aggravju prospettat taht l-Artikolu 251H(a) u (i) u 251HA li taghmel referenza ghall-Artikolu 202(h)(iv) u (v) u l-istess Artikolu 202(i) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-agir tal-imputat fil-perijodu indikat fic-Citazzjoni, kif jirrizulta mill-provi, jammonta ghal *a course of conduct*, dan ifisser li huwa ppruvat ukoll wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9. Dak li jibqa' biex jigi mistharreg mill-Qorti ghall-fini ta' htija tal-imputat ghal dan ir-reat, huwa jekk l-imgieba tieghu, talanqas fl-erba' episodji partikolari li xehdet dwarhom Anita Magro, ikkagunatx fiha biza li ser jintuza vjolenza fil-konfront taghha jew tal-proprjeta` taghha jew tal-persuni ohrajn imsemmija fl-Artikolu tal-ligi fuq imsemmi.

Kif rajna, l-uzu tal-forza, aggressjoni u theddid fil-konfront ta' Anita Magro kien il-modus operandi tal-imputat mahsub biex jikseb dak li jkun irid minghandha, sija jekk ikun flus jew rikonciljazzjoni fir-relazzjoni tieghu maghha jew hag'ohra. Il-Qorti ma ghandhiex dubju li din il-kondotta tieghu – senjatament fl-episodji indikati fic-Citazzjoni - kif deskritt dettaljatament minn Anita Magro hija mhux biss kapaci oggettivament, izda kien ukoll mahsub specifikatament, li jnissel fiha l-biza' u dwejjaq ravvizati mill-Artikolu 251B u l-Artikolu 251C. Hawnhekk isibu riskontru l-aggravji prospettati mill-Artikolu 251H(a) u (i) tal-Kap. 9 kif ukoll l-Artikolu 251HA minhabba r-referenza ghall-Artikolu 202 tal-Kap. 9[15]. Dwar l-aggravju imsemmi fil-paragrafu (d)

[15] Ghall-fatti tal-kaz in dizamina, isibu applikazzjoni l-paragrafi (h) u (i) tal-Artikolu 202. Izda dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju.

tal-Artikolu 251H, il-Qorti fehmet illi talanqas episodju wiehed li ta lok ghall-biza' ta' vjolenza sehh fil-presenza tat-tfal izda l-fatti mhumiex daqshekk cari biex jikkonvincu lill-Qorti moralment illi iktar minn episodju wiehed sehh fil-presenza tat-tfal minuri tal-partijiet. Hija tqis illi peress li d-delitt prospettat mill-Artikolu 251H huwa dak ta' biza' ta' vjolenza, l-applikazzjoni tal-aggravju li d-delitt jigi kommess fil-presenza ta' tfal minuri, jehtieg li **l-kondotta ripetuta li ssawwar ir-reat effettivament issehh fil-presenza tat-tfal minuri**, u m'huwiex bizzejjed ghall-fini tal-aggravju li episodju wahdieni jsehh fil-presenza ta' tfal minuri. Ghaldaqstant, ma thossx li tista' serenament tapplika l-aggravju prospettat fil-paragrafu (d) tal-Artikolu 251H.

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' Dicembru 2018, inhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-imputat ghall-protezzjoni ta' Anita Magro u uliedha. Kif gie ampjament ippruvat, in segwitu ghall-hrug ta' dik l-Ordni u fil-perijodu ta' zmien indikat fic-Citazzjoni, l-imputat mhux biss ikkuntattja lil Anita Magro izda heddidha, segwiha u eventwalment, ipperswadiha wkoll biex tmur toqghod mieghu wara li mar joqghod f'appartament gewwa l-istess kumpless fejn kienet xtrat ir-residenza taghha l-istess Anita Magro. Ghall-Qorti, dan kollu maghdud huwa bizzejjed biex jikkonvinciha li l-imputat naqas b'mod assolut milli jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fid-digriet taghha tas-27 ta' Dicembru 2018 u ghaldaqstant ghandu jinstab hati tat-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghar-reat addebitat fir-raba' imputazzjoni, il-Qorti wara li semghet ix-xhieda ta' Anita Magro u x-xhieda tal-Ispettur Eman Hayman dwar il-verzjoni moghtija lilu mill-istess Anita Magro dwar ir-rapport li sar fid-29 ta' Lulju 2019 u wkoll dwar l-incident tal-24 ta' Lulju 2019[16], u wara li rat ir-ritratt tal-ferita f'wiccha (Dok. AM1) u c-certifikat mahrug minn Dr. Rosette Spiteri fid-29 ta' Lulju 2019, il-Qorti hija

[16] Xhieda tat-13 ta' Awwissu 2019.

moralment konvinta, anke fl-isfond tal-provi kollha l-ohra akkwiziti fl-atti u tal-istorja ta’ kondotta aggressiva abitwali tal-imputat fil-konfront taghha, illi Anita Magro garrbet il-griehi li xehdet dwarhom Dr. Rosette Spiteri u dan meta l-imputat tefa sigarett imqabbad fuq imnehirha kif gie mfisser fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti. Hu minnu li l-imputat cahad fl-istqarrija tieghu illi huwa harqilha wiccha izda l-Qorti tqis li l-verzjoni ta’ Anita Magro hija wahda konsistenti u kredibbli li ftit thalli lok ghal ekwivoci. Ghaldaqstant, sejra taghti affidament pjen lil din il-verzjoni hekk kif debitament korroborata minn provi cirkostanzjali ohrajn u tqis li l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat taht l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 bl-aggravju prospettat taht l-Artikolu 222(1)(a) li jaghmel referenza ghall-Artikolu 202 tal-Kap. 9, fejn isibu riskontru c-cirkostanzi prospettati fis-subincizi (h)(iv)(v) u (i) tal-istess Artikolu 202.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jigi akkuzat ukoll illi kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest impost fuqu bid-digriet li bih huwa nghata l-helsien mill-arrest minn din il-Qorti diversament preseduta, datat 27 ta’ Dicembru 2018. Minn ezami ta’ dan id-digriet, li kopja legali tieghu giet esebita fl-atti (Dok. EH15[17]), jirrizulta illi l-imputat nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni, fost ohrajn li kellu jirrisjedi gewwa l-indirizz 41, Triq is-Sur, l-Isla li huwa l-indirirzz tar-residenza ta’ ommu u kellu wkoll jirrinkaza ruhu gewwa dak l-indirizz fil-hinijiet stipolati fid-digriet in dizamina. Madanakollu, mix-xhieda ta’ Anita Magro[18] jirrizulta illi l-imputat kien, fil-perijodu indikat fic-Citazzjoni, mar jirrisjedi f’appartament formanti parti mill-kumpless Lay Lay Court, Triq l-Ghassies, Marsascala, fl-istess binja fejn kienet tirrisjedi l-istess vittma. Kemm hu hekk, hi xehdet ukoll illi wara hafna insistenza u pressjoni da parti tal-imputat, marret tirrisjedi mieghu f’dan l-istess appartament kontra r-rieda taghha ghal perijodu ta’ zmien sakemm sehh l-incident tad-29 ta’ Lulju 2019, li wassal biex jigu istitwiti dawn il-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat. Il-fatt li l-imputat kien qed jorqod gewwa Marsascala minflok ma’ ommu gewwa l-Isla, jew talanqas ma kienx qed jirrinkaza ruhu

[17] Fol. 133.
[18] Ara fol. 88.

fl-indirizz tal-Isla, jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Anita Magro b'rabta mal-incident tad-29 ta' Lulju 2018[19].

Il-Qorti wara li semghet ukoll ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur[20], ma rriskontrat xejn fl-atti li juri li d-digriet tas-27 ta' Dicembru 2018 ma kienx ghadu fis-sehh bl-istess kundizzjonijiet indikati f'Dok. EH15 fid-dati tal-incidenti li jirrizultaw mill-provi u li sehhew fiz-zmien tal-akkuzi. Il-Qorti tqis li galdarba huwa ppruvat illi l-imputat ma kienx qed jirrisjedi ma' ommu gewwa l-indirizz indikat fid-digriet tas-27 ta' Dicembru 2018, izda kien qieghed effettivament jirrisjedi gewwa Marsascala, kien jispetta lill-imputat biex imbaghad iressaq provi sal-grad tal-probabbli biex juri li huwa kien, effettivament, qieghed joqghod gewwa l-Isla u kien qeighed ukoll jirrinkaza ruhu fl-indirizz indikat fid-digriet tas-27 ta' Dicembru 2018. Izda, ghalkemm hu minnu li l-imputat fl-istqarrija tieghu, meta gie mistoqsi fejn ilu joqghod fl-ahhar xhur[21] cahad li huwa kien qed joqghod fl-appartament tieghu Marsascala u insista li joqghod ghand ommu fl-indirizz tal-Isla, ma ressaq l-ebda prova biex jissostanzja din l-allegazzjoni. Anke jekk ghal mument kellu jinghata piz lill-allegazzjoni tal-imputat illi kienet Anita Magro stess li talbitu toqghod fl-appartament tieghu gewwa l-istess blokka sakemm isir xi xoghol ta' tiswija fir-residenza taghha, u li huwa taha permess biex taghmel dan b'rispett ghal uliedu, dan ma jfissirx illi huwa seta' jmur joqghod maghha fl-imsemmi appartament galadarba kien hemm fis-sehh sija l-kundizzjoni dwar l-indirizz fejn kellu jirrisjedi waqt li kien mehlus mill-arrest u fejn kellu jirrinkaza ruhu fil-hinijiet stipolati fl-istess digriet[22].

Ghaldaqstant, hemm provi bizzejjed ghas-sejbien ta' htija tal-imputat kwantu ghall-ksur ta' wahda mill-kundizzjonijiet impost fuqu fid-digriet li bih huwa nghata l-helsien mill-arrest, liema ksur jikkostitwixxi r-reat taht l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9.

---

[19] Ara fol. 89 *et seq*. Ir-rapport Ref. No. NPS 4/H/2633/2019 ukoll jindika l-indirizz ta' fejn sehh l-incident bhala 112, Ent. C, Flat 4, Triq l-Ghassies, Marsascala.

[20] Seduta tal-14 ta' Ottubru 2019.

[21] Stqarrija datata 30 ta' Lulju 2019.

[22] Dan huwa wkoll bi ksur tal-Ordni ta' Protezzjoni mahrug fis-27 ta' Dicembru 2018.

Ikkunsidrat;

L-imputat huwa mixli wkoll li huwa recidiv.

In sostenn ta’ din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopji legali ta’ zewg sentenzi moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta: wahda fit-13 ta’ Novembru 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Hubert Cini) vs Kenneth Cassar** (Dok. EH16), u ohra fil-11 ta’ Lulju 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Hubert Cini) vs Kenneth Cassar** (Dok. EH17). Il-konnotati tal-persuni kkundannati b’dawn is-sentenzi jikkombaccjaw mal-konnotati tal-imputat odjern u ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-imputat huwa l-istess persuna tal-hati li gie ikkundannat fl-imsemmija sentenzi. Dawn iz-zewg sentenzi entrambi kkundannaw lill-imputat odjern ghall-kommissjoni ta’ reati kriminali fil-konfront u ghad-dannu ta’ Anita Magro.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament pre-cedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ..."*

Mizmum ferm dan l-insenjament, il-Qorti hija tal-fehma li s-sentenzi fuq imsemmija, esebiti fl-atti jikkostitwixxu prova bizzejjed tal-addebitu tar-recidiva.

Ikkunsidrat ;

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom il-frekwenza tal-komportament abbuziv tal-imputat fil-konfront ta' Anita Magro kif jixhdu s-sentenzi esebiti fl-atti u d-diversi kundanni elenkati fil-fedina penali tal-imputat[23], liema komportament huwa wiehed ripetut u sistematiku ; il-fedina penali oneruza tal-imputat li nstab diversi drabi hati tal-kommissjoni ta' reati kriminali u gie wkoll ikkundannat ghall-piena ta' prigunerija u detenzjoni ; il-fatt li minkejja li nghata sanzjonijiet fil-komunita` diversi drabi, hu ovvju li l-imputat ma gharafx juzufruwixxi mill-beneficcju ta' dawn l-opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu. Ghall-Qorti dan ifisser li ghandha teroga piena li tirrispekkja l-fatt li l-imputat minflok gharaf jirriforma ruhu u jiddesisti milli jkompli jkun vjolenti fil-konfront ta' Anita Magro, minkejja li nghata liberazzjoni kondizzjonata ghall-kundanna tal-11 ta' Lulju 2017 u piena ta' detenzjoni, ghazel li jkompli bl-imgieba abbuziva tieghu.

Izda fl-istess hin hija hadet ukoll qies tax-xhieda ta' Anita Magri li quddiem il-Qorti diversi xhur wara d-depozizzjoni originali taghha, ikkonfermat[24] illi r-relazzjoni bejniethom « mhux qieghda hazin » u filwaqt li kienu qeghdin jiltaqghu flimkien, l-imputat ma kienx ghadu qed jerfa' idejh fuqha u ma tixtqiex li taghfas hafna fuqu f'din il-kawza. Ghalkemm mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li s-sitwazzjoni marret ghall-aghar iktar recentement u r-relazzjoni bejn il-partijiet regghet thassret, il-Qorti ghall-fini tal-piena sejra toqghod fuq ix-xhieda guramentata ta' Anita Magro li tinsab fl-atti u ghalhekk mhijiex serja tapplika z-zidiet diskrezzjonali fil-piena minhabba recidiva u sejra wkoll tapplika z-zieda mandatorja taht l-Artikolu 251H u l-Artikolu 251HA, fejn applikabbli, bi grad biss minflok b'zewg gradi u ghall-bqija piena li toqrob lejn il-minimum.

Hawnhekk tajjeb li jigi enfasizzat illi l-Artikolu 251H tal-Kap. 9 jaghmilha car illi l-piena għad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi **f'kull wieħed mill-każijiet** elenkati fil-paragrafi (a) sa (i) tal-istess Artikolu 251H. Dan ifisser illi galadarba fil-kaz odjern, mill-provi gew

[23] Ara Dok. EH4, fol. 11 *et seq*.
[24] Xhieda tat-8 ta' Lulju 2020.

riskontrati cirkostanzi aggravanti prospettati fi tnejn mid-disa' aggravji elenkati, il-piena ghar-reat taht l-Artikolu 251A u l-piena ghar-reat taht l-Artikolu 251B, kif addebitati fl-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, ghandha tizdied b'zewg gradi kwantu ghal kull reat[25].

Il-Qorti tosserva illi l-Avukat Generali ma indikax fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju l-Artikolu 202 tal-Kap. 9 li jipprospetta c-cirkostanzi ossia aggravji li minhabba fihom ghandu jkun hemm zieda fil-piena b'effett tal-applikazzjoni tal-Artikolu 251HA. Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tapplika zieda fil-piena minhabba l-aggravji li hija identifikat mill-provi f'dan il-kaz u li huma prospettati fl-Artikolu 202 tal-Kap. 9 (h)(iv)(v) u (i).

Il-Qorti ma taqbilx li jista' jigi applikat, fic-cirkostanzi tal-kaz in dizamina, l-aggravju prospettat mill-Artikolu 251H(b) tal-Kap. 9 ghaliex galadarba r-reati li qed jinstab hati taghhom huma dawk taht l-Artikolu 251A u 251B tal-Kap. 9 (diversament mir-reati fl-Artikoli 251E, 251F, 251G u 251GA tal-Kap. 9) li min-natura taghhom jesigi necessarjament kondotta ripetittiva u abitwali, hu ovvju li l-episodji ta' fastidju jew li jikkagunaw biza' ta' vjolenza, iridu jsehhu iktar minn darba ghall-fini ta' sejbien ta' htija ghal dawn l-istess reati u hija proprju din l-imgieba ripetuta li ssawwar id-delitt. It-twettiq ripetut tad-delitt innifsu, imbaghad, huwa aggravju li huwa prospettat separatament taht il-paragrafu (i) tal-Artikolu 251H u ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju (paragrafu (b)) huwa ravvizabbli biss f'kaz ta' htija ghar-reati istantanei prospettati mill-Artikoli 251E, 251F, 251G u 251GA tal-Kap. 9 li ma jehtiegux ghall-kommissjoni taghhom, kondotta ripetuta.

Madanakollu, fl-istess hin, minhabba l-instabbilita` evidenti tar-relazzjoni bejn il-partijiet, il-Qorti thoss illi ghandha tohrog Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat ghall-protezzjoni ta' Anita Magro izda mhux ghall-protezzjoni wkoll ta' uliedu stante

[25] Il-korollarju ta' dan hu, fil-kaz tar-reat taht l-Art. 251A, piena ta' prigunerija sa 5 snin, u fil-kaz tar-reat taht l-Art. 251B u piena ta' prigunerija minn 18-il xahar sa 5 snin.

illi mill-atti ma jirrizultax il-htiega li l-access u l-komunikazzjoni tal-imputat ma' uliedu, jigi mrazzan.

In vista tax-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation Mary Rose Farrugia quddiem il-Qorti u r-rizultanzi mir-rapport imhejji minnha (Dok. X), il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha taddotta r-rakkomandazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation u tipprovdi ghat-trattament li evidentement ghandu bzonn l-imputat biex jindirizza l-problema akuta li ghandu tal-abbuz mid-droga kif ukoll il-problema tar-rabja inkontrollabbli li twasslu ghall-abbuz fiziku ripetut fuq il-persuna ta' Anita Magro u dan billi tordna l-hrug tal-Ordni ta' Trattament opportun.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 221(1), 222(1)(a), 251A, 251B, 251C, 251H(a)(i) u 412C(11) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil KENNETH CASSAR hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah tnejn u tletin (32) xahar prigunerija effettiva u wara li rat l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah multa ta' elf Euro (€1,000) filwaqt li tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf Euro (€1,000) mill-ammont kollu stabbilit fid-digriet moghti fis-27 ta' Dicembru 2018 li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija.**

**Tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u ghar-riarrest mill-gdid ta' KENNETH CASSAR.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Anita Magro kontra imġieba tal-hati li tikkaġuna fastidju u biża' ta' vjolenza, qieghda b'zieda mal-piena, tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess KENNETH CASSAR a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sena u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digrieti moghtija**

**kontestwalment, liema terminu ghandu jibda jiddekorri wara li tigi skontata l-piena ta' prigunerija.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati KENNETH CASSAR sabiex jinghata trattament ghall-kontroll ta' rabja u sabiex jeghleb il-vizzju tal-abbuz mid-droga ghal perijodu ta' tliet (3) snin, taht it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment.**

**Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija, lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**